# Beati u Qaddisin....Awissu

San Massimiljanu Kolbe 14 ta' Awissu

Kien il-papa Giovanni Pawlu II li hatru qaddis u ghalih qal: "Bil-martirju tieghu huwa gab ir-rebha permezz ta' l-imhabba u l-fidi f'post mibni biex jinnega l-fidi f'Alla u l-bniedem."



Massimiljanu Kolbe twieled fis-7 ta' Jannar 1894 gewwa Zdunska-Wola fil-Polonja minn genituri kristjani ferventi. Ghammduh u tawh l-isem ta' Rajmundu. Missieru Gulju kien patriott li qatt ma qabel li l-Polonja tkun maqsuma fi tlett partijiet dominati mir-Russja, Germanja u l-Awstrja. Minn hamest ulied baqghu hajjin tlieta: Frangisku, Rajmundu u Guzeppi.

Minhabba li l-finanzi fil-familja Kolbe kienu limitati kien biss il-kbir li seta' jiffrekwenta l-iskola filwaqt li Rajmundu tghallem xi haga minn sacerdot u mill-ispizjar tar-rahal. Il-frangiskani tar-rahal stiednu lil Rajmundu biex jghallmuh, pjacir li huwa accetta mill-ewwel. Aktar tard Kolbe dahal jaghmel parti mill-frangiskani u beda n-novizjat tieghu maghhom u sar jismu Massimiljanu.

Wara n-novizzjat huwa mar Ruma biex ikompli l-istudji tieghu u temm il-kors fit-teologija u l-filosofija b'success. Imma sfortunatament meta kien Ruma marad bit-tuberkolosi li baqa' jsofri biha hajtu kollha. Gie ordnat sacerdot fit-28 ta' April 1918. Bil-permess tas-superjuri tieghu

huwa waqqaf il-Milizja ta' l-Immakulata, ghaqda li tahdem ghall-konverzjoni tal-midimbin permezz ta' Marija.

Meta rritorna fil-Polonja, ma thalliex jghallem minhabba l-marda li kellu. Imma ma qaghda b'idejh fuq zaqqu. Huwa gabar numru kbir ta' membri fil-ghaqda tieghu fosthom, professuri, religjuzi ta' l-ordni tieghu. professjonisti studenti u anke bdiewa. Beda johrog gurnal jismu "Il Cavaliere dell'Immacolata" li lahaq il-miljun kopja. Beda bi ftit makkinarju qadim u erba minn nies u spicca biex wara xi zmien ghadda ghall-makkinarju aktar modern, zdiedu l-haddiema u beda jistampa sitt periodici ohra. Sahansitra baghat il-gurnal tieghu lejn il-Gappun bil-lingwa gappuniza.

Il-Gwerra Mondjali lahqet il-bibien tal-Polonja u meta dahlu n-Nazisti ghalqulu l-istamperija, bil-konsegwenza li l-kollaboraturi kellhom ihallu posthom u jisterdu madwar id-dinja. Pero' qabel ma telqu tahom messagg: "Tinsew qatt l-imhabba."

Mieghu baqghu jghixu 40 patri. Fisd-19 ta' Settembru 1939 il-germanizi gabru lil Padre Kolbe u l-patrijiet lohra u haduhom f'kamp ta' koncentrament fejn fit-8 ta' Dicembru gew mehlusa minghajr ma kienu qed jistennew. Irritornaw gewwa Niepokalanow fejn kpmplew l-att ta' karita' ma' dawk inqas ixxurtjati, rifugjati fosthom hafna lhud. Wara li rrifjuata li jiehu c-cittadinana Germaniza huwa gie arrestat flimkien ma' erba patrijiet ohra.

Il-gwardji tal-habs immaltratawh u fit-28 ta' Mejju gie trasferit gewwa l-kamp tal-koncentrament f' Auschwitz.
Hutu l-erba patrijiet kien gew trasferiti qablu. Tefghuh mal-lhud bin-numru 16670 u sfurzawh jaghmel xoghol l-aktar umli billi jgorr il-kadavri lejn il-krematorju.

Fl-ahhar ta' Lulju gie trasferit fi Blokk 14 fejn il-prugunieri kienu moghtija ix-xoghol gewwa l-ghelieqi. Wiehed minnhom harab u skont il-ligi

tal-kamp 10 prugunieri ohra kellhom jintbaghtu fil-bunker tal-mewt.

Kolbe offra lilu niffsu flok wiehed  prugunier mill-ghaxra li kellhom imutu fil-bunker. U d-disperazzjonni li kellha tahkem tul il-martirju bil-guh sakemm imut tbiddel f'talb komunitarju.  Mietu wiehed wiehed fi tbatija kbira u kien fadal biss Kolbe flimkien ma erba ohra.  Billi l-affarrijiet hadu fit-tul L-SS iddecidew li jnehhulhom hajjithom permess ta' injezzjoni mortali. L-ahhar talba taghhom kienet l-Ave Marija fl-14 ta' Awissu tas-sena 1941

Harqu l-gisem tieghu flimkien ma' ta' prugunieri ohrajn fil-krematorju tal-habs. Hekk temm hajtu wiehed mill-ahwa frangiskani tal-knisja kattolika pollakka.